*Ġurisdizzjoni Qrati ta' Malta;*
*Privilegium Fori;*
*Danni Sekondarji naxxenti minn ftehim ai fini ta' kompetenza*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 9**

**Rikors Numru 99/21TA**

**Noeleen Buttigieg [K.I. 3497M],**
**Emmanuel Buttigieg [K.I. Nru. 21463M] u**
**Alexandra Buttigieg [K.I. Nru: 424068M]**

**vs**

**Victor J. Borg [K.I. Nru 12783G]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Noleen Buttigieg (l-Attriċi) tal-5 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

ħ

"1. Illi r-rikorrenti huma familja b'dan illi Noeleen Buttigieg tiġi l-unika bint tal-konjuġi Emmanuel u Alexandra Buttigieg;

2. Illi fl-ewwel xhur tas-sena 2020, ir-rikorrenti Noeleen Buttigieg saret taf b'xi retreats ġewwa ċ-ċentru Satori fix-Xagħra Għawdex organizzati mill-intimat fejn persuni interessati jħallsu somma flus sabiex jattendu u jkunu parti minn esperjenza hekk imsejħa spiritwali li tinkludi

attivitajiet fosthom yoga, Tai Chi u ecstatic dance, suppost bil-għan li persuna tesperjenza trasformazzjoni spiritwali, kif aħjar deskritt fid-dokument anness u mmarkat bħala Dok: NB.1;

3. Illi l-konvenut kien iħajjar lir-rikorrenti Noeleen Buttigieg sabiex tattendi u ta lir-rikorrenti x'taħseb illi l-istess konvenut mhux biss kien professjonali u esperjenzat f'dawn it-tip ta' irtiri iżda wkoll li kien jaf eżattament x'kien jinvolvi;

Għalhekk fil-bidu ta' April 2020 ir-rikorrenti Noeleen Buttigieg telqet Għawdex, u cioe` fiċ-ċentru Satori sabiex tkun parti minn dan ir-retreat;

4. Illi għall-bidu kollox kien deher miexi skont il-pjan tal-konvenut minkejja li l-konvenut kien qiegħed jagħti dożi ta' ċerti sustanzi kull siegħa lir-rikorrenti u lill-parteċipanti l-oħra, u dan baqa' għaddej sakemm bdiet iċ-ċerimonja attwali li kellha tkun il-milja ta' din l-esperjenza b'dożi ferm ikbar;

5. Illi r-rikorrenti ftit kienet taf x'se jiġri fiċ-ċerimonja attwali u wisq inqas kienet taf x'doża se tkun amministrata lilha minn din l-istess sustanza li l-konvenut kien jippromwovi u jirreklamaha bħala sustanza li tgħin lill-parteċipanti fil-preparazzjoni spiritwali u tħallilhom ħafna benefiċċji;

6. Illi ftit ġranet wara li beda l-irtir, il-konvenut beda jitratta lir-rikorrenti b'mod ħażin ħafna u abbużiv, b'dan illi beda jakkużaha li mhix qiegħda tmur tajjeb mal-parteċipanti l-oħrajn u li mhux qed timxi mar-regoli tiegħu, u saħansitra beda jkun fiżikament u verbalment abbużiv magħha;

7. Illi r-rikorrenti ma kellhiex idea x'inhi d-doża rakkomandata, jekk jista' jingħad hekk, ta' dawn is-sustanzi psikodeliċi mogħtija lilha u allura fdat lill-konvenut bħala organizzatur li kien isejjaħ lilu nnifsu bħala Shaman;

8. Illi minkejja li r-rikorrenti Noeleen Buttigieg ipprovat twaqqaf lill-konvenut milli jagħtiha doża ikbar tas-sustanza psikodelika, il-konvenut xorta baqa' jinsisti permezz ta' manipulazzjoni psikoloġika li jamministra din is-sustanza u dan wassal sabiex intossika lill-istess rikorrenti kontra r-rieda u l-volonta` tagħha;

9. Illi rriżulta fil-fatt illi l-konvenut abbuża mill-pożizzjoni dominanti li kien fiha (ta' psewdo Shaman) meta ppermetta u amministra overdose ta' sustanza psikodeliċi lir-rikorrenti Noeleen Buttigieg, waqt rit illi huwa stess organizza, b'dan illi kkawżalha effetti gravi fuq moħħha, u fuq il-fiżika tagħha, liema danni għadha ssofrihom sal-lum;

10. Illi Noeleen Buttigieg ħallset mijiet ta' Euro lill-konvenut bil-ħsieb illi tesperjenza l'hekk imsejħa trasformazzjoni spiritwali u mistrieħ fi żmien tal-pandemija tal-Covid-19; iżda madankollu, ġiet esposta għal esperjenzi li żgur qatt ma basret li kellha tgħaddi minnhom, b'uħud

minnhom tant orribli li ttrawmatizzawha u effetwawlha l-psike tagħha b'mod permanenti;

11. Illi r-rikorrenti ippreżentat kwerela mal-Pulizija sabiex tali azzjonijiet tal-konvenut jiġu investigati, u li l-konvenut jiġi mixli quddiem il-Qorti penali. Dwar dan il-każ għaddejja wkoll Inkjesta Maġisterjali;

12. Madanakollu l-aġir disgustanti, irresponsabbli u illeċitu tal-konvenut mhuwiex wieħed li jimmerita biss proċeduri penali, iżda jeżistu elementi ta' natura ċivili partikolarment talbiet għad-danni li r-rikorrenti ġarrbu, u li jimmeritaw li jiġu meqjusa u likwidati quddiem din l-Onorabbli Qorti;

13. Illi l-konvenut uża l-jeddijiet tiegħu ta' organizzatur ta' tali retreats sabiex jesponi u jġiegħel lir-rikorrenti tagħmel atti u jamministralha sustanzi eċċessivi ferm aktar milli tiflaħ kontra x-xewqa tagħha u dan b'negliġenza, irresponsabbilta` u traskuraġni;

14. Illi minħabba l-effetti psikodeliċi tas-sustanza illi l-konvenut amministra, ir-rikorrenti ġiet esposta għal sitwazzjonijiet imbarazzanti u li jkasbru l-unur tagħha. Dan sar minħabba insistenza, u dominanza daparti tal-istess konvenut, li kif se jiġi pprovat fil-kawża, għamel minn kollox sabiex iġib lir-rikorrenti f'punt li ma ħallilhiex opportunita` li tagħżel u kien ukoll aggressiv fil-konfront tagħha;

15. Illi dejjem b'kawża tal-aġir irresponsabbli tal-konvenut, Noeleen Buttigieg sabet ruħha fi stat ta' biża, ta' inferjorita` kontinwa u ta' vulnerabbilita`, għaliex ġew imposti fuqha ċirkostanzi li ma kinitx f'pożizzjoni li tevitahom, jew li twaqqafhom minħabba n-natura tar-ritwal innifsu illi l-konvenut kreja u li r-rikorrenti ma kinitx taf li se jseħħu u meta bdew iseħħu ma setgħetx tevitahom jew twaqqafhom;

16. Illi minħabba dan l-aġir abbużiv fil-konfront tar-rikorrenti Noeleen Buttigieg, u l-għoti ta' sustanza psikodelika, ġiet effetta l-psike tal-istess rikorrenti, naqsitilha bil-bosta il-kunfidenza fiha nnifisha u wettqet atti li ġarrbulha iktar danni, inklużi odontoloġiċi. Filwaqt li wettqet atti li pperikolaw ħajjitha serjament;

17. Illi per konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti <u>sofriet debbuliza permanenti</u> fis-saħħa tagħha u fil-funzjoni ta' ġisimha, kemm f'dik fiżika u saħansitra dik mentali tagħha;

18. Illi konsegwentement, Noeleen Buttigieg ġiet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli għal numru twil ta' ġranet u għadha qed tiġi trattata medikament għall-kundizzjoni li sofriet u għadha qed issofri kawża tal-aġir tal-konvenut;

19. Illi qabel dan l-inċident, Noeleen Buttigieg qatt ma sofriet jew kellha problemi bil-funzjoni ta' ġisimha jew ta' moħħha;

20. Illi fil-fatt, Noeleen Buttigieg mhux biss hija lawreata iżda għandha aspirazzjonijiet li tikber kemm akkademikament u anki fil-karriera tagħha. Illi madanakollu, dan l-inċident mhux talli xekkilha u tappnilha t-triq u l-miri li kellha iżda talli kreja ħsara irriversibbli fuq l-istess rikorrenti u illimitalha l-għażliet u t-toroq li tista' tieħu;

21. Illi se jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi l-effetti trawmatiċi, psikoloġiċi u fiżiċi tar-rikorrenti seħħew b'konsegwenza tal-operat żbaljat, esaġerat, inkompetenti u negliġenti tal-konvenut u ta' dan jimmerita li r-rikorrenti jiġu kkumpensati;

22. Illi r-rikorrenti Noeleen Buttigieg baqgħet taħt l-effett tal-overdose li amministralha l-konvenut għal numru kbir ta' ġimgħat u kawża tal-istat psikiku li daħlet fih ġiet esposta għal diversi okkażjonijiet fejn kienet ta' periklu għaliha nnifisha kif se jiġi espost;

23. Illi għalhekk, din l-Onorabbli Qorti għandha qabel xejn tistabilixxi u tillikwida d-danni, sew damnum emergens u kif ukoll lucrum cessans, mhux b'anqas danni morali u dan anki fid-dawl tal-eta` żagħżugħa tar-rikorrenti Noeleen Buttigieg;

24. Illi l-integrita` psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li fl-Artikolu 3 tgħid illi kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrita` fiżika u mentali tagħha;

25. Illi r-rikorrenti, bi ħtija tal-konvenut, ġarrbet ħsara fl-integrita` tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni;

26. Illi inċident sopra indikat, ħalla impatt katastrofiku fuq il-kwalita` ta' ħajja tal-familja Buttigieg u cioe` tar-rikorrenti kollha, u saħansitra fuq il-ħajja lavorattiva tagħhom, stante li kienu kostretti għal tul ta' żmien li jaċċertaw illi l-istess Noeleen Buttigieg dejjem ikollha s-superviżjoni u l-kumpanija ta' xi ħadd minnhom u dan sar b'telf ta' xogħol u introjtu għalihom;

27. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tikkunsidra kemm danni sofferti kif ukoll kumpens għar-rikorrenti Emmanuel u Alexandra Buttigieg li kellhom jieħdu ħsieb lir-rikorrenti binthom;

28. Barra minn dan, u per konsegwenza tal-atti illeċiti u malinni tal-konvenut, il-familja Buttigieg sofriet trawma, stress u inkwiet kbir, tant illi l-livell tal-għixien u anki s-saħħa tar-rikorrenti Emmanuel u Alexandra Buttigieg iddeterjorat u huma kostretti li jieħdu mediċina u għalhekk sofrew u għadhom qegħdin isofru danni huma wkoll kawża ta' dan kollu;

29. Illi l-familja Buttigieg ma kinitx tgħaddi minn tali sofferenza li kieku ma kienx għall-aġir abbużiv u mingħajr skrupli tal-konvenut;

30. Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sopra imsemmija stante li amministra sustanzi eċċessivi lill-istess rikorrenti Noeleen Buttigieg, u dan kif se jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara illi l-konvenut kien negliġenti u traskurat fl-amministrar ta' sustanzi psikodeliċi lir-rikorrenti Noeleen Buttigieg, kif ukoll azzjonijiet oħra, u li konsegwentement huwa unikament responsabbli għall-akkadut fil-konfront tagħha;

2) Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għall-ħlas ta' danni fiżiċi, psikoloġiċi, morali u patrimonjali fil-konfront tal-istess rikorrenti Noeleen Buttigieg;

3) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli wkoll għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti Emmanuel u Alexandra Buttigieg kawża tal-akkadut;

4) Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti kollha okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi fejn meħtieġ;

5) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata in liena ta' danni u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-konvenut, inġunt minn issa għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Victor J. Borg (il-konvenut) li permezz tagħha wieġeb u ppremetta s-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, l-eċċipjenti jgawdi mill-*privilegium fori* fir-rigward ta' din l-Onorabbli Qorti għaliex, kif jidher mir-rikors ġuramentat innifsu, l-eċċipjenti huwa, u kien minn dejjem, residenti ġewwa Għawdex. Konsegwentement l-eċċipjenti jitlob li din il-kawża tiġi rimessa quddiem il-Qorti kompetenti li għandha s-sede tagħha ġew Għawdex.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dan għal diversi raġunijiet;

3. Illi fl-ewwel lok, l-atturi mhux korretti meta jallegaw li kien l-esponenti li ħajjar lil Noeleen Buttigieg sabiex tuża s-servizzi tiegħu għaliex kienet hija stess li fittxet is-servizzi tiegħu u talbet li tipparteċipa fil-kors in kwistjoni;

4. Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti xjentement u b'malizzja naqsu milli jippreżentaw l-hekk imsejjaħ "reklam u invit" fi sforz li jagħtu stampa korretta u li tiżgwida tar-rappreżentazzjoni li kienet issir mill-esponenti;

5. Illi infatti, l-esponenti huwa esperjenzat f'"*retreats self help* u spiritali pero` qatt ma ta wieħed x'jifhem li hu xi psikologu jew psikjatra. Allura ma jaċċettax persuni li għandhom passat ta' disturbi mentali, problema fiżiċi jew trawma kbir mingħajr ir-rakkomandazzjoni ta' terapista jew psikologu.

6. Illi mhux minnu li l-esponenti b'xi mod aġixxa b'mod irresponsabbli, jew li huwa b'xi mod ippreżenta ruħu b'mod skorrett;

7. Illi mhux minnu li l-esponenti f'xi mument jew okkażjoni ttratta lir-rikorrenti Noeleen Buttigieg b'mod ħażin jew abbużiv, jew kien fiżikament jew verbalment abbużiv magħha;

8. Illi lanqas huwa minnu li huwa ssomministra xi doża eċċessiva jew *overdose* ta' xi sustanza psikodelika, jew li huwa b'xi mod wettaq manipulazzjoni psikologika fuq l-istess rikorrenti, jew li huwa intossikaha sabiex b'xi mod jabbuża mill-posizzjoni tiegħu;

9. Illi lanqas huwa minnu li l-esponenti intossika f'xi okkażjoni lir-rikorrenti;

10. Illi l-esponenti qatt u f'ebda okkażjoni ma ssuġġetta lir-rikorrenti għal xi esperjenza trawmatizzanti, imbarazzanti, li jkasbru l-unur, jew orribbli; kif lanqas huwa minnu li huwa wassalha f'xi stat ta' biża, inferjorita` jew vulnerabbilta`; inkompetenti jew negliġenti fil-konfront tar-rikorrenti;

11. Illi mhux minnu li l-esponenti aġixxa jew opera b'mod żbaljat, esaġerat,

12. Illi kuntrarjament għal dak li qed jallegaw ir-rikorrenti, il-kundizzjoni psikoloġika u mentali tar-rikorrenti Noeleen Buttigieg, inkluża kwalsiasi nuqqas ta' kunfidenza li hija qed tbati minnu (jekk huwa minnu li hija qegħda b'xi mod tbati minn tali nuqqas ta' kunfidenza) kienet u hija dovuta għal ċirkustanzi, inklużi ċirkustanzi preċedenti, li għalihom ma huwiex responsabbli l-eċċipjenti u li ma jistgħux jiġu imputati lilu;

13. Illi Noeleen Buttigieg naqset milli tiżvela dawn iċ-ċirkustanzi, inklużi ċirkustanzi mediċi applikabbli lill-istess Noeleen Buttigieg, fl-intervista permezz ta' video call li hija kellha mal-esponenti qabel ġiet aċċettata għall-kors, bi ksur tal-obbligu tagħha li tiżvela tali ċirkustanzi, u

għalhekk jekk kien hemm xi reazzjoni mhix prevista dan kien dovut għan-nuqqas tagħha stess;

14. Illi għalhekk l-internament tar-rikorrenti Noeleen Mifsud fl-Isptar Monte Carmelo ċertament ma huwiex dovut għal xi raġuni li tista' tkun imputabbli lill-esponenti;

15. Illi jsegwi minn dan kollu li l-ilmenti li t-tliet rikorrenti qed jindirizzaw kontra l-esponenti huma lkoll privi minn kull fondament fattwali jew legali;

16. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem bl-ebda mod ma ġew miksura jew ivvjolat mill-esponenti;

17. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-ħtieġa ta' kwalsiasi kura u assistenza li kienet rikjesta mingħand ir-rikorrenti Emanuel u Alexandra Buttigieg lejn binthom ma tista' bl-ebda mod imputata lill-esponenti;

18. Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jigu miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom;

19. L-esponenti jixtieq jirrileva wkoll li huwa ġie notifikat b'dan ir-rikors ġuramentat biss nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 u peress li r-rikors huwa appuntat għal nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2021 u konsegwentement din ir-risposta ġuramentata ser ikollha tiġi ppreżentatha sa mhux iktar tard mit-Tnejn 29 ta' Marzu 2021, huwa għad ma kellux opportunita` suffiċjenti sabiex jipprepara d-difiża tiegħu. Infatti l-avukat sottoskritt kellu appena 48 siegħa ħin sabiex jieħu konjizzjoni tar-rikors ġuramentat (li innu nnifsdu diġa` fih volum notevoli), jieħu struzzjonijiet mingħand l-eċċipjenti u jisma', fil-qosor ħafna, xi uħud miċ-ċirkustanzi li wasslu għal dan ir-rikors, u jipprepara r-risposta ġuramentata tiegħu. Fid-dawl ta' dan kollu, jista' jagħti lok li jkun hemm ċirkostanzi oħra li għadhom ma ġewx a konjizzjoni tal-avukat li qiegħed jirrediġi din ir-risposta ġuramentata. F'dan ir-rigward l-esponenti qiegħed jirriżerva li eventwalment iqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt, u, possibilment iktar importanti, jindika xhieda oħra li ma ssemmewx fil-lista tax-xhieda annessa magħha.

20. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Rat li skont il-verbal tal-1 ta' Ġunju 2021 il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-*privilegium fori;*

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2021;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum biex tingħata Sentenza dwar l-eċċezzjoni imsemmija.

**Punti ta' fatti**

**1.** F'xi żmien fis-sena 2020, l-Attriċi saret taf b'irtiri ġewwa ċentru fix-Xagħra Għawdex organizzati mill-konvenut. Sabiex tattendi għal dawn l-irtiri ħallset somma flus bl-iskop li tgħaddi minn esperjenza spiritwali fosthom diversi dixxiplini orjentali. Dan kollu kellu jwassal għal trasformazzjoni spiritwali.

**2.** F'April tal-2020, l-Attriċi marret Għawdex biex tkun tista' tattendi għal dawn l-irtiri. Waqt dan kollu, l-konvenut kien jamministra ċerti sustanzi kull siegħa lill-Attriċi u lill-parteċipanti l-oħra. Il-konvenut kien jirriklama din is-sustanza bħala waħda li tgħin lill-parteċipanti biex jilħqu l-milja tal-esperjenza spiritwali.

**3.** L-Attriċi tikkontendi li soffriet danni minħabba dan kollu.

**Punti ta' liġi**

**4.** Il-kwistjoni li għandha quddiemha ma hiex dik li tiddeċiedi l-mertu, iżda jekk hiex kompetenti li tisma' l-Kawża jew hux il-każ li l-atti kollha tal-

kawża jiġu rimessi lill-Qorti ta' Għawdex fil-kompetenza ċivili tagħha. Il-konvenut qiegħed jinsisti li jgawdi mill-privilegium fori fis-sens li għandu dritt qua konvenut li jiċħad il-kompetenza tal-Qorti Maltija. Dan ifisser li din il-Qorti trid tiddeċiedi fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 50, 741(c) u 767 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Iċ-ċaħda tal-kompetenza ta' Qorti hija determinanti u ssegwi lill-konvenuti. Di fatti artikolu 768 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

*"Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista'jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwaakbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħedmill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmunajista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta".*

**6.** Il-privilegium fori jispiċċa u ma jistax ikun invokat fi tlett okkażjonijiet espressament indikati mil-liġi:

i. F'art 770 tal-Kap 12 jiddisponi: fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.

ii. F'art 771 tal-Kap 12, ma jistax jintalab mill-werriet, meta għar-raġuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ma setgħax ikun mitlub mill-awtur tiegħu.

iii. Finalment skond artikolu 769 tal-Kap 12 meta l-għadd ta` konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex hu ndaqs (Art 769). (Ara **Appell Ċivili fl-ismijiet John Borg -vs- Salvatore Bonnici, tad-19 ta' Novembru 1954**).

**7.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-fatti kif jirriżultaw minn dak li għandha quddiemha. Huwa inkontestat li l-Attriċi daħlet f'kuntratt mal-konvenut. Is-servizzi li l-konvenut kellu jirrendi lill-Attriċi kollha saru fil-gżira t'Għawdex, kif fil-fatt anke l-Attriċi tippremetti b'mod univoku fir-rikors ġuramentat tagħha. L-attivita kollha seħħet ġewwa ċentru fix-Xagħra Għawdex. Huwa minnu li l-Attriċi tirresjedi Malta, iżda tajjeb jew ħażin l-esekuzzjoni kuntrattwali kellha ssir u kif fil-fatt saret fil-Gżira ta' Għawdex. L-abbli avukat tal-Attriċi fis-sottomissjonijiet tiegħu argumenta li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha r-rejaltajiet tal-lum, iżda minn naħa l-oħra dak li hu ċar fil-liġi ma jistax ikun interpretat mill-Qorti. Fi ftit kliem il-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit* huwa sagrosant propju biex jitħares il-prinċipju l-ieħor tas-saltna tad-dritt (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-21 ta' Mejju, 2015 fl-ismijiet Charles Ebejer -vs- Stefan Muscat u Anthony Mifsud**).

**8.** Għal din il-Qorti huwa ċar li għall-fatti li għandha quddiemha huwa applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Anke li kieku għall-grazzja tal-argument, kellu jkun argumentat li l-Attriċi qegħdha tfittex għal danni akwiljani, jibqa' l-fatt li dawn il-konsegwenzi huma konsegwenzjali u kollaterali għal dawk is-servizzi li kellhom jingħataw fil-gżira t'Għawdex.

**9.** F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax."* (ara **Sentenza fl-ismijiet John Mary Grima -vs- Francis Cutajar et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2013.**)

**10.** Di piu' artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni. Dan l-artikolu ġie interpretat li jfisser li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-10 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet Emanuel Grech et -vs- Emanuel Muscat et**).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u fil-waqt li tiddikjara li ma hiex kompetenti li tkompli titratta din il-kawża tordna li l-atti kollha tagħha jiġu rimessi lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali.

Tordna li din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati tat-Tribunali Ċivili sabiex jagħmel dak li trid minnu l-liġi.

Spejjes ta' dan l-episodju riservati għall-ġudizzju finali fuq il-mertu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**